MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Numru 1/1

**Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Bulli Moubaker**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Bulli Moubaker u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 61160 (A).

Akkuzat talli fil-11 ta' Mejju, 2015 f'dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'Permesso di Soggiorno Taljan, Passaport Taljan u karta ta' l-identita' Taljana jew uza jew kellu fil-pussess tieghu xi Permesso di Soggiorno Taljan, Passaport Taljan u karta ta' l-identita' Taljana li hu kien jaf li gew iffalsifikati, mibdula jew sar xi tibdil fihom f'isem Buli Bakar bin-numri IO 1484490, 060126 u AR 2331329 rispettivament (Kap 61, Sec 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat tali matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat, fid-dokument hawn fuq imsemmi (Kap 9, Sec 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorita' legittima uza jew kellu fil-pussess tieghu xi dokument, mehtieg ghall-finijiet ta' dan l-Att li kien falsifikat (Kap 217, Sec 32 (1f) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sitt (6) xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------